MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2009

Numru 942/2003

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
SPETTUR JESMOND BORG
VS
MARIO CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mario Camilleri ta’ 34 sena, iben Anthony u Mary nee’ Giordmaina, imwieled fil-Pieta’ fit-8 ta’ Awissu, 1969, residenti Block C/1, Flat 2, Triq Ganni Bonnici, Haz-Zebbug u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 345569 (M).

Illi huwa akkuzat:

1. Talli fit-13 ta’ Novembru, 2003, ghal habta tal-10:20 ta’ filghodu, flimkien ma’ persuna ohra mhux maghrufa, mill-fond bin-numru 34 sitwat fi Triq San Guzepp, Hal

Tarxien, kkommetta serq ta’ flus kontanti u oggetti tad-deheb ghad-dannu ta’ Providenza Buontempo, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) u bil-lok.
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Providenza Buontempo, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix-il hamsin lira Maltin (Lm50).
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Subaru bin-numru tar-registrazzjoni BAK 424 b’manjiera perikoluza, negligenti u b’sewqan aktar milli jmissu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-akkuzi elenkati mill-Avukat Generali taht liema din il-Qorti tista ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tas-27 ta’ Gunju, 2006 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Partijiet.

Semghet trattazzjoni tal- partijiet.

Ikkunsidrat:-

L-ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Jesmond Borg, a fol.12 et seq. xhed illi l-Pulizija kienu inghataw informazzjoni anonima illi kienet qed titwettaq serqa mill-fond residenzjali fi triq San Giuseppe, Tarxien u li kienet qed tintuza vettura Subaru J10 bajda bin-numru ta’ registrazzjoni BAK 424.

Spettur Borg xhed li fuq il-post accedew PS 679 Salvu Camilleri u PC 945 John Cilia, u li n-nies fit-triq indikaw lil dawn il-membri tal-Pulizija li l-hallelin kienu kisru ghal Triq San Mark. Kif kisru ghal Triq San Mark, il-Pulizija lemhu il-vettura Subaru BAK 424 li kienet qed tinsaq b'velocita' kbira. Il-Pulizija spjegaw kif sehhet 'car chase' f'diversi triqat ta' Hal Tarxien. Illi f'mument minnhom il-vettura li kienet misjuqa mill-imputat waqfet u hargu minnha tlett irgiel li grew f'direzzjoni differenti.

Il-Pulizija segwew lil wiehed minnhom li kien l-imputat u fi Triq t-Tempji Megalitici l-Pulizija osservaw lill-imputat jarmi envelope taht karozza ta' ghamla Skoda bin-numru ta' registrazzjoni AAL 664

Il-Pulizija gabru l-envelope u sabu li kien jikkontjeni Lm 925(ekwivalenti ghal 2154.67 Euro) flus kontanti. L-imputat gie arrestat mill-Pulizija.

Minn indagni ulterjuri l-Pulizija sabu li r-residenza li sfat misruqa kienet '34' Triq San Giuseppe, Tarxien, fejn kienet tirresjedi l-anzjana Providenza Buontempo, ta' tmenin (80) sena.

Il-Pulizija sabu marki ta' lieva fil-bieb principali, waqt li oggetti b'deheb ta' somma ta' Lm 925 (ekwivalenti ghal 2154.67 Euro) gew misruqa mill-kcina ta' l-istess residenza.

L-anzjana Buontempo gharfet l-envelope li gie muri lilha bhal dak li kienet qeghdet il- Lm 925 (ekwivalenti ghal 2154.67 Euro) taghha.

Minn investigazzjoni ulterjuri, il-Pulizija sabu mobile phone u cavetta ta' karozza Peugoet fil-vettura Subaru BAK 424. Il-Pulizija sabu Peugoet fi triq fejn il-Kunsill Lokali ta' Tarxien u c-cwievet misjuba fis-Subaru kienu jaqblu ma' din il-vettura tal-marka Peugoet bin-numru ta' registrazzjoni UFO 110.

Spettur Jesmond Borg xhed illi ttiehdet l-istqarrija ta' l-imputat li ghazel li ma jwiegebx ghal bosta mid-domandi. Din giet ezebita Dok.JB a fol.15. L-imputat lanqas ried jizvela l-identita' taz-zewgt irgiel l-ohra li kienu mieghu.

PS 679 (a fol.19) ikkonferma x-xhieda ta' l-Ispettur Borg, kif accedew fuq il-post, kif in-nies indikawlhom li l-hallelin kisru ghal Triq San Mark, kif lemhu s-Subaru, kif sehhet 'car chase' f'diversi toroq ta' Hal Tarxien, kif din il-karozza giet abbandunata u kif lemhu lil Mario Camilleri jigri.

PS 679 xhed li meta hu u PC 945 segwew lil Mario Camilleri, PS 679 rah jarmi:

*"Xi haga bajda taht karozza li kienet pparkjata".*

Il-karozza kienet Skoda AAL 664. PS 679 xhed li kif irnexxielhom jaqbdu lil Mario Camilleri, huma sabu s-somma ta' Lm 925 (ekwivalenti ghal 2154.67 Euro).

PC 945, John Cilia (fol. 21) ikkonferma x-xhieda tas-Surgent 679, izda stqarr li ma kienx f'posizzjoni li jara lil Mario Camilleri jarmi l-envelope taht il-vettura Skoda bajda. Hu gharaf lill-imputat bhala l-persuna li segwa flimkien ma' PS 679.

Tony Camilleri (fol.23 et seq.), missier l-imputat, spjega illi l-familja tieghu ghal xi zmien ma baqaghtx tirresjedi fl-indirizz indikat fuq l-ID card ta' l-imputat ghaliex kienu qed jigu mhedda minn persuna.

Spettur Carmelo Magri a fol.29 et seq., xhed illi huwa kien accede fir-residenza ta' Providenza Buontempo in segwitu tas-serqa li dwarha infethet l-inkjesta. Spettur Magri xhed illi meta gie mghoddi l-envelope mormi mill-imputat li gie misjub taht karozza Skoda l-anzjana gharfitu mill-ewwel. Buontempo qalet li kellha Lm 900 (ekwivalenti ghal 2096.44 Euro) fl-envelope.

Spettur Magri kkonferma l-istqarrija DOK. JB a fol.15 li ezebixxa sentenza Dok.CM a fol.31.

Joseph Ciscaldi a fol.37 et seq. xhed illi huwa kellu negozju ta’ kiri tal-karozzi u li l-vettura BAK 424 Subaru kienet proprjeta’ tieghu. Xhed illi kien kera din il-karozza lill-imputat fiz-zmien indikat fic-citazzjoni.

Spettur Angelo Caruana a fol.40, xhed illi Mario Camilleri kien qed jkellem u jargumenta max-xhud Ciscaldi u jkellmu hazin.

Spettur Magri a fol.49, ezebixxa sentenza ohra fil-konfront ta’ l-imputat, li din is-sentenza giet immarkata bhala Dok. CM1

A fol. 47, il-partijiet accettaw ix-xhieda ta’ Providenza Buontempo fl-inkjesta bhala konfermata f’dawn il-proceduri in vista ta’ l-eta’ taghha u s-sahha debboli taghha.

Lawrence James Cappello a fol.55, iddeskriva l-istat fiziku ta’ l-anzjana Buontempo u ezebixxa il-prokura Dok.JC a fol.57.

Robert Cardona (fol. 60 et seq.) xhed illi kien gie nominat biex jaghmel analizi fuq zewg kampjuni ta’ demm lilu mghoddi u ezebixxa r-relazzjoni tieghu a fol.63 sa 82 Dok.RC.

Joseph Zammit a fol. 83, ipprezenta r-relazzjoni tieghu Dok.JZ (fol. 85). Fir-relazzjoni tieghu, Joseph Zammit xhed kif sab cwievet ta’ Peugoet UFO 110 fis-Subaru BAK 424. Xhed illi b’dawk ic-cwievet hu fetah regolarment il-bibien kollha tal-Peugoet UFO 110 anki l-‘luggage booth’ u l-magna qabdet regolarment. (fol.92). Ikkonferma li ma kienx hemm ebda hsara fuq dawn il-vetturi u ta’ stima fuq is-Subaru li tammonta ghal Lm 2000 u fuq il-Peugoet li tammonta ghal Lm 3800

Brian Farrugia a fol.107, mill-Licensing Department, ikkonferma illi s-Subaru BAK 424 kienet ilha tappartjeni lil Joseph Ciscaldi bl-ID card 651941 (M) minn 1993 waqt li l-Peugoet UFO 110 tappartjeni lil John Caruana bl-ID card

98183 (M) minn Jannar 2004 u precedentement kienet tghajjat lil Chris Spiteri Camilleri bl-ID card 277281 (M).

Brian Farrugia xhed illi r-registrazzjoni tal-vettua inbidel ghal IBH 972

PS 659 Jeffrey Hughes u PS 602 Jonathan Attard ikkonfermaw ir-relazzjoni taghhom a fol.118. Ezebew envelope kontenenti Lm 925 (ekwivalenti ghal 2154.67 Euro), Dok.JH1 u ricerka Dok.JH2

Spettur Magri ezebixxa a fol.136, prokura generali Dok.CMX Gie ezebit verbal ta’ serqa ndikat fic-citazzjoni.

Dr. Reno Borg, a fol. 146. ikkonferma r-relazzjoni tieghu kontenuti fil-process verbal a fol.40

A fol. 147, Michael Azzopardi xhed illi huwa kien jiehu hsieb tal-flejjes ta’ Providenza Buontempo u li f’Ottubru qabel is-serqa huwa kien irtira l-imghaxxijiet fuq id-depoziti bankarji tal-kwerelanti li kien ghaddielha l-envelope b’madwar Lm 975 (ekwivalenti ghal 2271.14 Euro) fi flus kontanti.

Dr. Mario Scerri a fol.163, ikkonferma r-relazzjoni tieghu Dok. MS

Spettur Micallef Grimaud ikkonferma l-identita’ ta’ l-imputat ghar-rigward tas-sentenza ezebixxa a fol.51

Michael Azzopardi, a fol.159 et seq., xhed illi l-envelope ezebit in atti bhala KB47/04 kien certament l-istess envelope li huwa ghadda lil Providenza Buontempo bl-ammont ta’ Lm 925 (ekwivalenti ghal 2154.67 Euro) u dan setgha jghidu ghaliex kien ghad hemm il-ktiba bil-kaligrafija tieghu stess fuq l-istess envelope.

In kontro ezami, PS 679 Camilleri kkonferma li ra lill-imputat jarmi xi haga bajda taht karozza pparkjata Skoda bajda AAL 664 li kien waddal l-imputat ftit metri.

In kontro ezami, Spettur Magri kkonferma li Providenza Buontempo informatu li kienet qeghdet ‘il fuq minn Lm 900 (ekwivalenti ghal 2271.14 Euro) f’envelope abjad u li dawn kienu nieqsa. L-Ispettur Magri kkonferma li Buontempo gharfet l-envelope misjub mill-Pulizija u li fil-fatt instabu Lm 925 (ekwivalenti ghal 2154.67 Euro). Ikkonferma li Michael Azzopardi ukoll gharaf l-envelope mill-kaligrafija tieghu stess.

Michael Azzopardi, fix-xhieda tal-5 ta’ Gunju tas-sena 2007, ikkonferma il-provenienza tal-flus, il-kaligrafija tieghu fuq l-envelope 03 CZX 505 (KB 47/07), kif ukoll il-kaligrafija ta’ Providenza Buontempo fuq l-istess envelope. Michael Azzopardi xhed illi fid-dar tal-kwerelanti kien hemm envelope iehor kontenenti Lm 1000 (ekwivalenti ghal 2329.37 Euro) li l-Pulizija sabu mat-taqlib u ma’ l-imbarazz ma’ art li kienu hallew il-hallelin. Providenza Buontempo kienet thalli l-flus taghha f’kexxun tal-komodina.

Spettur Jesmond Borg fix-xhieda tieghu tal-5 ta’ Gunju tas-sena 2007 in kontro ezami kkonferma li l-kwerelanti kienet gharfet l-envelope abjad, b’Lm 925 (ekwivalenti ghal 2154.67 Euro) b’ ‘rubberband’ u li din kienet d-deskrizzjoni preciza li kienet tathom Buontempo. Ikkonferma ukoll li ma’ l-imputat kien hemm zewg persuni ohra mhux maghrufa.

Charlot Galea, ghan nom tac-‘Central Bank,’ ezebit cheque fl-ammont ta’ Lm 701 mahrug lil Providenza Buontempo.

Michael Azzopardi ezebixxa Dok.X u Dok.X1 li huma interessi ta’ Lm 462 (ekwivalenti ghal 1076.17 Euro) u iehor ta’ Lm 462 (ekwivalenti ghal 1076.17 Euro) li jammontaw ghal Lm 925 (ekwivalenti ghal 2154.67 Euro) li ssarfu fit-30 ta’ Ottubru tas-sena 2003.

Fl-inkjesta, Providenza Buontempo (fol.16 tal-process verbal) xhedet illi nsterqulha madwar Lm 2000 li kienu fil-gwardarroba taghha u fil-kexxun tal-kcina. Insterqulha wkoll tlett (3) crieket, gizirana u par imsielet tad-deheb.

Ikkonsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta, din il-Qorti hi tal-fehema illi l-Prosekuzzjoni lahqu l-livell probatorju rikjest mill-Ligi sabiex jipprovaw, bla dubju dettat mir-raguni, illi l-imputat, Mario Camilleri, flimkien ma’ zewgt irgiel ohra mhux maghrufa, kien responsabbli ghal serq ta’ Lm2000 (ekwivalenti ghal 4658.75 Euro) lira in kontanti, apparti oggetti ohra tad-deheb.

Dan qieghed jinghad il-ghaliex hemm provi sgjaccanti fuq din is-serqa, inkluz il-fatt illi l-Pulizija gew infurmati b’telefonata anonima fuq din is-serqa u accedew fuq il-post b’mod immedjat; illi kienu l-istess nies li nfurmaw lil Pulizija illi l-hallelin kienu ghadhom kemm dahru l-kantuniera ghal St. Mark Street u illi l-Pulizija segwew l-istess hallelin minnufih; hemmhekk sehhet ‘car chase’ illi taghha jaghtu xhieda vivida ta’ PS 679 u PC 945. Illi gie stabbilit illi l-karozza tal-hallelin u cioe Subaru bajda bin-numru tar-registrazzjoni BAK 424 kienet misjuqa mill-imputat. Illi wara li l-Pulizija segwew lil din il-karozza assidwament, l-imputat saq lilu nnifsu u liz-zewg hallelin komplici mieghu, go ‘blind ally,’ fejn l-imputat u z-zewgt irgiel l-ohra hargu jigru u hadu direzzjoni opposta ta’ xulxin. Il-Pulizija ghazlu li jsegwu lill-imputat.

PS 679, li gera wara l-imputat, innutah jarmi xi haga bajda taht il-karozza pparkjata Skoda bin-numru ta’ registrazzjoni AAL 664, fi triq partikolari msemmiha. Wara li gie arrestat l-imputat, il-Pulzija sabu li dik il-haga bajda mitfuha taht l-iSkoda msemmiha, kien envelope abjad li kien jikkontjeni 2154.67 Euro (ekwivalenti ghal Lm 925) kif imsemmi. Fuq dan l-envelope, Michael Azzopardi, li kien jagixxi ghall-anzjana Providenza Buontempo, gharaf fuqu l-kaligrafija u n-notamenti tieghu stess.

Fuq ordni tal-Qorti, wara indagni pjuttost impenjattivi, Michael Azzopardi ezebixxa Dok.X u Dok.X1, illi juru l-provenjenza ta’ dawn il-flejjes b’mod preciz minn dokument bankarju mill-‘Lombard Bank’.

Di piu’, Joseph Ciscaldi, proprjetarju tal-karozza mikrija, Subaru BAK 424, xhed illi fi zmien tas-serqa indikata fl-akkuza, huwa kien kera din il-karozza lill-imputat Mario Camilleri.

Illi minkejja dak li gie sollevat, fin-nota ta’ osservazzjonijiet tad-Difiza, l-Qorti, filwaqt illi taghraf illi x-xhieda ta’ l-Ispetturi Jesmond Borg u Carmelo Magri dwar il-fatt illi Providenza Buontempo gharfet il-kaligrafija taghha fuq l-envelope misjub taht l-iSkoda pparkjata, tikkostitwixxi ‘hearsay evidence’, din il-Qorti warrbet din ix-xhieda. Il-Qorti, pero’, serhet fuq il-fatt kardinali illi Michael Azzopardi gharaf il-kaligrafija tieghu stess fuq dan l-envelope.

Illi l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova illi s-serqa minghand Providenza Buontempo kienet teccedi l-elfejn lira (Lm2000) fi flus kontanti, apparti oggetti tad-deheb imsemmiha a fol.16 tal-process verbal. Dan qieghed jinghad minhabba l-fatt illi apparti l-envelope kontenenti Lm 925 (ekwivalenti ghal 2154.67 Euro) mormi mill-imputat taht l-iSkoda msemmiha waqt li kien qed jahrab mill-Pulizija, ix-xhieda ta’ Providenza Buontempo turi illi fil-fatt insterrqu xi elfejn lira (Lm2000) mir-residenza taghha u dan gie sostanzjat mix-xhieda ta’ l-Ufficjali Prosekuturi meta ddikjaraw illi gie misjub ma’ l-art, qalb l-imbarazz u taqlib li hallew il-hallelin, envelope iehor kontenenti elf lira (Lm1000) fi flus kontanti. Illi x-xhieda ta’ Buontempo turi, b’mod car, illi dawn l-envelopes kienu mqeghda fil-gwardarroba u fil-kexxun tal-kcina. (vide xhieda process verbal fol. 16)

Illi, di piu’, il-Qorti ma tistax lanqas takkolji dak sollevat mid-Difiza ghal dak li jirrigwarda l-manjiera tas-sewqan ta’ l-imputat jew dak li gie sellevat mid-Difiza, b’referenza ghal kuncett ta’ ‘recklessness’. Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta’ PS 679 u x-xhieda ta’ PC 945 u l-Qorti tifhem illi l-imputat kien qieghed f’ ‘car chase’, segwit mil-vicin, minn vettura tal-Pulizija. Din il-Qorti rat illi x-xhieda tal-Pulizija kienet wahda vivida u li turi ‘car chase’ f’diversi

triqat f'Hal Tarxien sa kemm l-imputat saq lilu nniffsu ghal go sqaq.

Huwa difficli illi wiehed jimmagina xenarju ta' sewqan perikoluz u 'reckless' aktar minn dan in ezami.

Illi ghal rigward ta' l-akkuzi ta' hsara volontarja fil-proprjeta' ta' Providenza Buontempo, din il-Qorti taghraf illi l-Prosekuzzjoni ma resqitx provi adegwati u fl-inkjesta, Providenza Buontempo, xehdet biss illi kellha marki ta' levaturi fuq il-bieb principali tar-residenza taghha, minghajr ma tat valur ghal tali hsara.

Illi l-prova ta' ricediva, pero', giet milquha, sodisfacentement, mill-Prosekuzzjoni, mix-xhieda ta' l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud, ghal rigward ta' sentenza ezebita a fol.51, waqt li d-Difiza ezentat il-Prosekuzzjoni mill-obbligu tax-xhieda ta' identita' ghas-sentenza l-ohra ezebita.

Illi stabbilit il-htija fl-akkuzi ta' serq, din il-Qorti ma tistax issib htija fl-akkuza alternattiva ta' ricettazzjoni.

Illi minkejja dikjarazzjoni kommossa ta' l-imputat mhux guramentata, illi l-flus fl-envelope abjad kienu propjeta' tieghu (tant li l-Qorti ordnat illi dawn il-flus jitqeghdu f'kont bankarju apparti sad-decizjoni finali ta' din il-Qorti) l-imputat ghazel li ma jixhidx u ma jressaq ebda prova.

Il-Qorti tinnota ai fini ta' htija illi minkejja illi hemm provi sgaccanti ghal serq ta' l-agravi tal-vjolenza numerika, l-Avukat Generali ccita l-Artikolu 262(1)(a) minflok 262(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Artikolu 262(1)(a) ma jistax jigi invokat stante' li l-hsara volontarja ghal propjeta' ma gietx provata. In oltre', ai fini ta' piena, l-Qorti tinnota illi kien hemm sejba ta' htija ta' l-imputat fuq serq fis-sentenza ta' l-4 ta' Marzu tan-1998 u ghaldaqstant tiskatta l-applikabilita' ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat, Mario Camilleri, hati ta' l-ewwel (1) akkuza, minghajr l-agravju tal-violenza,

mhux hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuza li minnhom tilliberah, hati tar-raba’ (4) u tal-hames (5) akkuza u wara li rat Artikoli 261 (b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279(b), 49 u 50, 289(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat, Mario Camilleri, ghal tlett snin (3 years) prigunerija u tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat Camilleri ghal perijodu ta’ sena. In oltre’, tordna illi l-imputat Camilleri jhallas l-ispejjez kollha, inkluzi f’perizji f’dan il-kaz.

Il-Qorti m’hijiex f’posizzjoni li tordna ebda konfiska ta’ vetturi uzati waqt il-kommissjoni ta’ dan ir-reat stante li dawn jappartjenu ghal terzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------